**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A36-09

23 ta’ Ottubru 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/36**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar il-Ħamis **29 ta’Ottubru 2009, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ *Request Sheets*
5. Approvazzjoni ta’ *Financial Statements*
6. Affarijiet Oħra
7. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

26 ta' Novembru 2009

Ref Nru.Klg5/036

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/36 li saret il-Ħamis 29 ta' Ottubru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, Malcolm Camilleri, Ian Micellef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attenda għal parti mill-laqgħa, l-*Accountant* tal-Kunsill, Antoine Portelli.

**Skużat**

Il-Viċi-Sindku Dunstan Attard minħabba li kien indispost.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit- 23 ta' Ottubru 2009.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 29 ta' Ottubru 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

**2.1.** Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li kienu ġew installati żewġ *rubber speed moderators*, waħda fi Triq il-Flotta u oħra fi Triq Madonna tal-Ġebla.

Huwa ta rendikont tal-preparazzjonijiet li kienu qed isiru għall-Inawgurazzjoni tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa fil-31 ta' Ottubru 2009.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li x-xogħol ta' manutenzjoni ta' l-arkati kien sar mid-ditta *Road Maintenance Services* għall-ammont ta' €3,509.00 wara li l-Kunsillieri kienu qablu unanimament ma' din il-kwotazzjoni. Kienu nħarġu ħames kwotazzjonijiet li minnhom tlieta ssottomettew li kienu *Polidano Bros*. €5,393.19 – *APJ Trading* €4,636.90 – *Road Maintenance Services* €3,509.00.

Il-plakka ta' l-irħam kienet ġiet installata mid-ditta Austin Muscat għall-ammont ta' €880.00 wara li ħarġet kwotazzjoni li ntbagħtet lil:

| | | |
|---|---|---|
| i. | *Montebello Art Works Ltd* | *€1,320.00* |
| ii. | *Austin Muscat Granite & Marble Works* | *€880.00 – coat of arms engraved*<br>€700.00 – *coloured coat of arms* |
| iii. | *Beautiful Marble Works* | *No reply* |
| iv. | *Camilleri Marble Works Ltd* | *No reply* |
| v. | *R. Camilleri Marble Works* | *No reply* |

u ġiet approvata mill-Kunsillieri kif ukoll, saret manutenzjoni fuq il-monumenti u nxtraw l-isem Gerry Zammit u l-annu tat-twelid u l-mewt tiegħu tal-bronż għall-prezz ta' €42.00 għall-monument ta' Gerry Zammit. Hi kompliet tgħid, li kien inkera *high up* sabiex jitbidlu tletin *energy saving lamps* fil-ġnien, biex jinżebgħu uħud mill-*lamp posts* u biex jinżebgħah l-arblu tal-bandiera.

**2.2. Paġna Nru: 3 para 2.5. –** ftuħ ta' l-Uffiċċju s-Sibtijiet **-** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*interviews* għal dawk in-nies li wieġbu mill-lista li bagħtet l-E.T.C. kienu ser isiu t-Tlieta 3 ta' Novembru 2009, sadanintant, kemm Marion Monaco kif ukoll, Fabian Borg kienu qed jiftħu l-Uffiċċju sibtijiet alternattivi temporanjament bil-buona volonta' tagħhom.

Iċ-*Chairman* qal, li jista' jagħti l-każ li wara li jsiru l-*interviews* ma jintgħażel ħadd u għalhekk wara li jiġu eżawriti l-fażijiet kollha ta' l-*E.T.C.*, il-Kunsill ikun jista' joħroġ avviż fil-ġurnali.

**2.3. Paġna Nru: 4 para 3.7**. – *Tower Crane* quddiem 123 Triq Cameron mid-ditta *C. Stivala & Sons Ltd*.

Tressqet r-rakkomandazzjoni dwar is-suġġet hawn fuq imsemmi, liema gwida kienet qed tingħata wara li l-Kunsill talab l-uffiċċju tal-Perit biex jagħmel *site inspection* u jkejjel l-*footprint* ta' l-istess *tower crane* li kien armat fi Triq Ponsonby u jittieħed inkonsiderazzjoni s-*safety/hoarding* li jrid isir madwar l-istess *tower crane*.

Il-Kunsill ġie nfurmat li invista tal-fatt, li l-wesgħa tat-triq hi 6.9m u l-linji ta' gwida ta' l-A.D.T. jispeċifikaw li jridu jitħallew mill-anqas 3.0m għall-*one way traffic* u skont il-pjanta jidher li meta jiġi nstallat it-*tower crane* kien ser jibqa' 4.0m, din it-talba tista' tiġi milqugħa.

Matul id-diskussjoni li saret fejn fost affarijiet oħra l-Kunsillier Ian Micallef qal li fl-opinjoni tiegħu, jekk jiġi nstallat it-*tower crane* ser tikber iżjed il-problema tal-parkeġġ għar-residenti minħabba l-fatt, li lanqas matul il-lejl ma jkunu jistgħu jipparkjaw u għalhekk, ikun aħjar jekk jintuża *crane* normali.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li ma jilqax it-talba tas-Sur Stivala jiġifieri, li ma jiġix installat it-*tower crane*

**2.4. Paġna Nru. 7 para 7.3. – Dawl tal-Milied**

Is-Segretarju Eżekuttiv qassmet *spreadsheet* dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi (ara *appendix* Nru: 1) u qalet, li din il-kwotazzjoni kienet intbagħtet lil:

Victor Tedesco - Soċjeta' Filarmonika Stella Maris – Lawrence Cassar

li minnhom tnejn kienu dawk li ssottomettew jiġifieri:

Victor Tedesco €2,790 Soċjeta' Filarmonika Stella Maris €3,000

Wara diskussjoni qasira, fejn fost affarijiet oħra, ċ-*Chairman* propona li din il-kwotazzjoni għandha tingħata lis-Soċjeta' Filarmonika Stella Maris anke minħabba l-fatt, li l-Gżira kienet tagħmel parti mill-Paroċċa ta' Stella Maris f'tas-Sliema u b'hekk tista' sservi bħala opportunita' biex jinbeda' rapport bejn iż-żewġ Parroċċi, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri, mal-proposta hawn fuq imsemmija għall-ammont ta' €3,000.

**2.5. Paġna Nru: 8 para 3.2.3. –** dwar il-varjazzjonijiet proposti ta' 13% fuq it-*tender* ta' l-*embellishment* tal-Ġnien, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet talbet il-gwida tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lis-Sur Silvio Frendo u dan wieġeb li l-*variations* fit-*tenders* huma regolati b'avviż legali 28/2000. Hi kompliet tgħid, li dan l-avviż intbagħat lill-Perit Bugeja fejn dan ta' l-aħħar qal, li la darba l-varjazzjonijiet kienu ta' 13% l-Kunsill seta' jipproċedi minħabba li kien anqas minn dak stipulat fl-avviż legali ta' 20%.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li lid-ditta *Polidano Bros* kienet ser tingħata l-ħlas kollu jiġifieri biż-żieda tat-13% fuq l-ammont tal-kuntratt li kienu.

Minħabba li kien wasal l-*Accountant* Antoine Portelli, ċ-*Chairman* talab biex tiġi diskussa *item* Nru: 5 ta' l-*Agenda*.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**5. Approvazzjoni ta' *Financial Statements***

**5.1.** Is-Sur Portelli fetaħ id-diskussjoni billi reġa' ntroduċa lilu nnifsu minħabba l-fatt, li l-Kunsillieri Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter ma kienux attendew għall-laqgħa preċedenti u qal, li kien dispjaċut ħafna bil-komportament ta' l-Awditur tal-Gvern għall-mod ta' kif trattah meta iltaqa' miegħu flimkien ma' Fabian Borg fl-Uffiċċju Ammistrattiv tal-Kunsill, l-Ġimgħa 16 ta' Ottubru 2009, minħabba li kien wasal nofs siegħa tard għall-appuntament.

Huwa kompla jgħid, li meta hu offra s-servizzi tiegħu, kien taħt l-impressjoni li kellu jibda fl-1 t'April 2009 iżda rriżulta li minħabba l-fatt, li l-*financial statements* ma tlestewx mill-pridiċessur tiegħu, sitwazzjoni li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqha, hu ġie nkarigat li jagħmel il-*financial statements* għas-sena finanzjarja li spiċċat Marzu 2009.

Huwa qal, li x-xogħol ta' l-*inputting* ta' l-*invoices* kien kollu lest minn naħa tal-Kunsill u *adjustments* ftit li xejn kien għamel. Kien iltaqa' wkoll, ma' Fabian Borg u s-Sur Mario Magro Conti u kienu tawh l-informazzjoni kollha meħtieġa

Matul id-diskussjoni li saret fejn ġew kjarifikati xi punti mressqa mill-Kunsillieri, Antoine Portelli qal, li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill ma kellux ikollu aktar minn tlett kontijiet bankarji li kienu, kont għall-pagi, kont għall-proġetti kapitali u kont kurrenti/*savings*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri ma' dak li qal Antoine Portelli jiġifieri li l-Kunsill għandu jkollu l-kontijiet bankarji msemmija hawn fuq kif ukoll, mad-*Draft Financial Statements* kif ppreżentanti mill-*Accountant* Antoine Portelli.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sad-29 ta' Ottubru 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** F'dan l-istadju, l-Kunsill laqa' t-talba ta' żewġ residenti minn Triq Reggie Miller biex jattendu għall-laqgħa minħabba li kienet ser tiġi diskussa l-*issue* tal-*bring in sites* li ġew installati fil-lokalita' fuq *pilot project*.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minkejja li l-Kunsill kien għadu ma ffirma ebda kuntratt mad-ditta Green MT, din ta' l-aħħar offriet li jsir *pilot project* u jiġu mpoġġija *bring in sites* f'siti identifikati mill-Kunsill li kienu, Triq Reggie Miller, Triq Antonio Sammut, tnejn fi Triq Edgar Bernard, Triq Dott. Guze Miceli u Pjazza Gerry Zammit. Il-Kunsill kien irċieva diversi kummenti kemm pożittivi kif ukoll, negattivi dwarhom b'suġġeriment wieħed li dawk ta' Triq Reggie Miller u Triq Antonio Sammut, in-naħa ta' fejn jintrema l-iskart għandu jkun in-naħa ta' ġewwa tat-triq bħala prekawzjoni biex jiġu evitati xi nċidenti. Fil-fatt, l-Kunsill kien ikkuntattja d-ditta hawn fuq imsemmija dwar dan is-suġġeriment u ha din il-prekawzjoni.

Hi kompliet tgħid, li numru ta' residenti minn Triq Reggie Miller kienu ġew il-Kunsill u ltaqgħu mal-Viċi-Sindku fejn ressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom. Għalhekk, il-Kunsill kien kiteb lill-A.D.T. għall-linji ta' gwida dwar it-traffiku iżda sa dak in-nhar tal-laqgħa, ebda risposta kienet għada ma waslet il-Kunsill.

Rigward il-problema tal-ġrieden, il-Kunsill kien qiegħed f'kuntatt kontinwu mas-Sanita' pero' għalkemm kienet qed tittieħed l-azzjoni neċessarja, l-problema kienet għada ma ġietx solvuta.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li l-istruzzjonijiet biex jiġu nstallati l-*bring in sites* kienu ngħataw mill-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-Kunsill għandu jara li dawn jintużaw kif suppost.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li d-ditta *Green MT* kienet infurmat li għall-ewwel it-tendenza ser tkun li ser jibda' jinġabar l-iskart madwarhom.

Iċ-*Chairman* qal, li fil-proċess ta' l-għażla tal-postijiet, il-Kunsill ha nkonsiderazzjoni l-ispazju għalkemm 'l quddiem jista' jkun hemm lok għal xi kambjamenti wara li nirċievu l-linji ta' gwida mill-A.D.T. kif ukoll, staqsa lir-residenti jekk kellhomx xi kummenti x'jressqu.

Huma qalu, li f'dan l-istadju kienu ser jistennew l-eżitu ta' l-A.D.T. u rringrazzjaw lill-Kunsill tad-disponibbilita' tiegħu.

**3.4.** Il-Kunsillier Ian Micallef telaq minħabba mpenn ieħor.

**3.5.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li jinxtraw 18 –il Ktieb Teżor mingħand il-*Merlin Library* għall-ammont ta' €83.92.

**3.6.** Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tal-korrispondenza li saret permezz ta' *e-mails* bejn il-Kunsill u l-*I.P.S.L.* fejn dawn ta' l-aħħar kienu qed jitolbu li għandha tiġi mimlija formula (*job sheet*) kuljum għal kull ħaddiem u jitnizzel ix-xogħol li jkun wettaq, l-isem tat-triq jew il-post fejn ikun ħadem u tintbagħat lura permezz ta' *e-mail* kull ħmistax. Hi kompliet tgħid, li jekk dawn ma jintbagħtux, il-kumpanija *I.P.S.L.*kienet qed tieħu din bħala li l-ħaddiema ma kienux qed jiġu utilizzati mill-Kunsill u għalhekk tikkonsidra li taqla' l-ħaddiema u tibgħathom ma' Kunsilli li jista' jagħmel użu minnhom.

Hi qalet ukoll, li fir-risposta (li kopja tagħha ntbagħtet lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali) infurmat li l-*job sheets* kienu qed jintbagħtu bil-posta u li ma jiġux aċċettati *e-mails* ta' tgħeddid għaliex minkejja d-diversi prijoritajiet li għandu l-Kunsill, dejjem ikopera u għamel dak mitlub minnu.

**3.7.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet ser issir il-laqgħa għas-Sindki u l-Viċi-Sindki fis-6 u 7 ta' Novembru 2009 – *Hotel Palace Sliema* mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**3.8.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jinxtara l-ktieb X'IRRID ta' l-awtriċi Natasha Turner immirat għaż-żgħażagħ minn tlettax –il sena 'l fuq għall-ammont ta' €8.50.

**3.9.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jinxtraw sitt *Dummy CCTV Security indoor/outdoor Cameras* għall-prezz ta' €23.50 kull waħda pero' qabel il-Kunsillier Joe Camilleri kellu jara fejn kienu ser jiġu nstallati.

**3.10.** Il-Kunsill ma laqax it-talba biex tingħata donazzjoni kull xahar lill-Fondazzjoni *Inspire.*

**3.11.** Il-Kunsill ma laqax it-talba li saret mill-iskola Santa Monica sabiex jiġi provdut trasport għall-tfal bi bżonnijiet speċjali biex ikunu jistgħu jattendu kull ħmistax fir-Razzett tal-Ħbieberija kif ukoll, dik mressqa mill-*Gżira Boċċi Club* għal donazzjoni ta' €300. bħala parti mill-ispejjeż ta' xogħlijiet fil-*Club*, u dan skont *memo* 65/2009, li tressqet ukoll fl-istess laqgħa, fejn waħda mill-miżuri ġodda tar-Riforma tal-Kunsill Lokali kienet, 'Projbizzjoni totali ta' donazzjonijiet mill-Kunsilli, kemm fi flus kif ukoll mhux fi flus'.

**3.12.** Iċ-*Chairman* ġie nfurmat li fid-9 ta' Novembru 2009 fid-9.00 a.m. kellu s-seduta ta' l-Arbitraġġ.

**3.12.** Inqrat *Memo* 68/2009 – Ħinijiet tal-Laqgħat - li kopja tagħha ntbagħtet lill-Kunsillieri filwaqt li r-risposta għall-Memo 69/2009 jekk il-Kunsill kellux uffiċċju/sit li seta' jikri bħala uffiċċju reġjonali, għandha tkun fin-negattiv.

**3.13.** Inqrat ittra mibgħuta mill-*Gżira United Football Club* dwar attivita' li kienet ser tiġi organizzata fl-1 ta' Novembru 2009 f'*Manoel Island – Awareness Activity at Manoel Island* bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m. kif ukoll, konferenza stampa fil-11.00 a.m.

Il-Kunsillier Joe Camilleri propona li tinkiteb ittra iżda ċ-*Chairman* qal, li hu kien ġie mistieden biex jindirizza l-*press conference* u kien ser jinkludi kollox fid-diskors tiegħu.

**3.14.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*G4S Security Services (Malta) Ltd* li t-*tender* sabiex jinġabru l-*Cash In Transit* mill-Kunsilli kienet għalqet f'Awwissu 2009.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li kienet kelmet lill-Uffiċjal Awtorizzat, David Soler li kien informaha li l-Kunsilli li jiffurmaw parti mill-Kumitat Konġunt kellhom kumpanija oħra ta' sigurta'.

F'dan l-istadju, l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għalissa għandu jibqa' miexi kif inhu invista tar-Reġjuni li ser jibdew joperaw minn Jannar 2010 u fl-istess ħin jitkellem mal-Kumitat Konġunt.

**3.15.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li jinxtraw erbgħa u għoxrin ktieb mingħand il-*Merlin Library* għall-ammont ta' €141.80 liema ammont, kien jinkludi 15% *discount* wara li nħarġet kwotazzjoni u ntbagħtet lid-ditti *Merlin Library, Wise Owl, Book Distributors Ltd* u *Sierra Books* li minnhom, l-aħħar ditta biss ma wieġbitx.

**3.16.** Kemm il-Kunsillier Joe Camilleri kif ukoll, is-Segretarju Eżekuttiv taw rendikont dwar ix-xogħlijiet li saru mid-ditta *Vella Group* għan-nom ta' l-entita' *GO plc*, dwar *manhole cover* li kienet qed tagħmel ħafna ħsejjes fi Triq D'Argens, Gżira.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament, li niktbu lill-A.D.T. fejn ninfurmawhom li kienet intbagħtet *e-mail* lid-ditta hawn fuq imsemmija li din kienet ġiet *black listed* u għalhekk, il-Kunsill kien qed jitlob lid-Direttorat sabiex dan il-kuntrattur ma jiġi assenjat ebda xogħol f'din il-lokalita' u jiċċara l-fatt, li l-*black listing* kien biss fil-konfront tad-ditta hawn fuq imsemmija u bl-ebda mod fil-konfront ta' l-entita' u jew xi kuntrattur ieħor li jaħdem għan-nom tad-ditta GO plc., kif ukoll, il-Kunsill xtaq ikun jaf x'kienu r-raġunijiet abazi ta' liema, jinħarġu permessi ta' l-emerġenza.

**3.17.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1422 sa Nru: 1474 (Ara *appendix* Nru: 2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll, għall-approvazzjoni tal-Kunsill dawn il-pagamenti:

| | |
|---|---|
| *Polidano Bros Ltd* – a/c *embellishment* Ġnien | 3,800.10 |
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Laqgħa Sindki | 70.00 |
| David Grasso – | 310.00 |
| *Power House* | 1,150.00 |
| *Bugeja & Assoc. May 2009 Services* | *453.65* |
| *Bugeja & Assoc. June 2009 Services* | *934.80* |
| *Bugeja & Assoc. July 2009 Services* | 577.37 |
| *Bugeja & Assoc. C/management fee* Ġnien | 898.37 |
| *Bugeja & Assoc. C/management fee* Ġnien | 1,589.42 |
| *Bugeja & Assoc. C/management fee* Ġnien | 822.28 |
| *Bugeja & Assoc. C/management fee* Ġnien | 1,318.72 |
| *Bugeja & Assoc. C/management fee* Ġnien | 819.96 |
| *Bugeja & Assoc. C/management fee H/Estate* | 935.41 |
| *C.S.D. stationery* | *115.42* |

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 1422 sa Nru. 1474 inkluż il-ħlasijiet msemmija f'paragrafu 4.2. ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**4.4.** Qabel ma l-Kunsillier Victor Rutter telaq minħabba li kellu mpenn ieħor, ġie nfurmat li bejn l ta' Novembru u l-14 ta' Novembru 2009, Triq Sliema kienet ser tkun magħluqa għat-traffiku minħabba xogħlijiet ta' *storm water culvert*.

**6. Affarijiet Oħra**

**6.1.** Ġie deċiż li l-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri kellhom jattendu għall-Konferenza Lokalitajiet Sostenibbli li kienet ser issir it-Tnejn 2 ta' Novembru 2009, fil-Lukanda *Excelsior* u li għaliha kienu mistiedna disgħin Sindku Franċiż.

**6.2.** Il-Kunsill ġie nfurmat li fl-10 ta' Novembru 2009, fil-11.00 a.m. kienet ser issir laqgħa fl-uffiċċju ta' l-N.I.D., Sta. Venera, rigward l-ilmenti minn dan il-Kunsill dwar ix-xogħlijiet li saru mid-ditta *Crossroads* għan-nom tal-Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma.

Minħabba l-fatt, li ċ-*Chairman* kellu mpenn il-Qorti, ġie deċiż li jattendu l-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri.

**6.3.** Il-Kunsillieri Joe Camilleri ssuġġerixxa li tingħata *memento* fil-31 ta' Ottubru 2009, lis-Sur Paul Farrugia, Salvu Bonello u Joseph Grech, ħaddiema ta' l-*E.L.C.* għax-xogħol mwettaq għat-tisbiħ tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**6.4.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-*Expression of Interest* għall-*Crafts & Activities Co-Ordinator* kienet ser tagħlaq fit-12 ta' Novembru 2009 u preżumibbli l-*interviews* isiru fit-13 ta' Novembru 2009. Hi kompliet tgħid, li sa dak in-nhar tal-laqgħa ebda applikazzjoni kienet għada ma waslet il-Kunsill.

**6.5.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jiġi ppubblikat reklam *black & white* għall-ammont ta' €35 fid-djarju li fih ser ikun hemm l-attivitajiet kollha pastorali li ser isiru fil-Parroċċa matul is-sena li ġejja.

**6.6.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li jsiru r-*road markings* ta' fażi Nru: 3 flimkien mal-pendenzi li kien baqa'.

**6.7.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li sa dak in-nhar tal-laqgħa kienet għada ma waslet ebda risposta dwar il-*fax* li ntbagħtet lid-ditta *C & F Building Contractors Ltd* dwar il-ħlas dovut sal-21 ta' April 2009, għall-*boundary wall* li jammonta għal €1,956.68.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandna niktbu lill-Avukat tal-Kunsill Dott. E. Woods biex jikkomunika f'isem il-Kunsill mad-ditta hawn fuq imsemmija. Korrispondenza simili għandha tintbagħat lis-Sur Clive Demicoli, propjetarju tas-sit li qiegħed fi Triq Sliema k/ma' Toroq Edgar Bernard u Turu Rizzo.

**6.8.** Il-Kunsill ġie nfurmat li ebda tweġiba ma kienet waslet il-Kunsill għall-ittra mibgħuta mill-Avukat Dott. E. Woods għan-nom tal-Kunsill lis-Sur Ernest Grech, propjetarju tas-sit 124/125 Triq ix-Xatt u lis-Sur Michael Stivala propjetarju tal-*Bay View Hotel,* liema ittra kienet kkupjata lid-Dipartiment tas-Saħħa u lill-Ministeru Għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, dwar komunikazzjoni ta' l-ilma tad-drenaġġ ma' l-i*storm water culverts.*

Fir-rispett tas-suġġett hawn fuq msemmi każ simili kien dak tal-*Waterfront Hotel* fi Triq ix-Xatt, fejn dan ta' l-aħħar kien informa, li kien lest li jikkopera kemm -il darba l-Kunsill jipprova dan. Għaldaqstant, meta l-Kunsill ikkuntattja lill-*Waste Water Unit* kien ġie nfurmat li setgħu jgħaddu b'*CCTV camera* iżda kien ikun diffiċli li jipprova dak li kien qed jgħid il-Kunsill.

Wara din id-diskussjoni, ċ-*Chairman* qal, li għalissa din il-materja jiġifieri tal-*Waterfront Hotel*), tinżamm *on hold*.

**6.9.** Il-Kunsill ma laqax it-talba li tintrama' gabbana waqt l-inawgurazzjoni tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira fil-31 ta' Ottubru 2009.

**7. Laqgħa oħra**

**7.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis 26 ta' Novembru 2009, fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiiv |

## Statement of Income and Expenditure
## Year ended 31st March 2009

| | Notes | 2008 - 2009 | 2007 - 2008 | Incr/Dec over last yr |
|---|---|---|---|---|
| | | Actual | Actual | Actual |
| | | € | € | € |
| Income | | | | |
| Funds received from government | 2 | 341,376 | 344,315 | (2,939) |
| Income raised under Law Enforcement System | 3 | 30,317 | 0 | 30,317 |
| Investment Income | 4 | 0 | 2 | (2) |
| General Income | 5 | 28,332 | 31,741 | (3,409) |
| | | 400,025 | 376,058 | 23,967 |
| Expenditure | | | | |
| Personal emoluments | 6 | (78,260) | (75,778) | (2,482) |
| Operations and maintenance | 7 | (193,132) | (210,299) | 17,167 |
| Administration and other expenditure | 8 | (85,985) | (99,112) | 13,127 |
| Gain on disposal of asset | | 0 | 3,714 | (3,714) |
| | | (357,377) | (381,475) | 24,098 |
| **Surplus for the year** | | **42,648** | **(5,417)** | **48,065** |

Draft

## Detailed Expenditure list

| | 2008 - 2009 Actual € | 2007 - 2008 Actual € | Variance € |
|---|---|---|---|
| **07. Operations and Maintenance** | | | |
| Operations and Maintenance includes, *inter alia* : | | | |
| **Repairs and Upkeep** | | | |
| Road and Street Pavements (patching works) | 8,118 | 23,331 | (15,213) |
| Street Signs | 621 | 2,294 | (1,673) |
| Road Markings | 6,609 | 3,930 | 2,679 |
| Other Repairs | 0 | 4,154 | (4,154) |
| | 15,348 | 33,709 | (18,361) |
| **Contractual Services:** | | | |
| Refuse Collection (including bins on wheels) | 72,280 | 72,762 | (482) |
| Bulky Refuse Collection | 9,738 | 6,576 | 3,162 |
| Road and Street Cleaning (mechanical and manual) | 56,927 | 48,513 | 8,414 |
| Cleaning and Maintenance of Public Conveniences | 8,142 | 7,897 | 245 |
| Cleaning and Maintenance of Council Premises | 1,677 | 1,642 | 35 |
| Cleaning and Maintenance of Soft Areas | 24,397 | 26,807 | (2,410) |
| Street Lighting | 4,623 | 8,471 | (3,848) |
| Local Enforcement Expenses | 0 | 3923 | (3,923) |
| Any other contractual services | 0 | 0 | 0 |
| | 177,784 | 176,590 | 1,192 |
| **Total** | **193,132** | **210,299** | **(17,169)** |
| **08. Administration and other Expenses** | | | |
| Utilities | 16,754 | 17,623 | (869) |
| Other Repairs and Upkeep | 4748 | 2,012 | 2,736 |
| Rent | 9592 | 233 | 9,359 |
| Memberships | 5843 | 6752 | (909) |
| Office Services | 4,112 | 3,251 | 861 |
| Information Services | 2,982 | 645 | 2,337 |
| Other Contractual Services | -8070 | 4,523 | (12,593) |
| Professional Services | 10,320 | 12,618 | (2,298) |
| Training | 454 | 2,937 | (2,483) |
| Community and Hospitality | 7,777 | 6,854 | 923 |
| General | 0 | 1,693 | (1,693) |
| Depreciation | 31,473 | 34,079 | (2,606) |
| Bad Debts | 0 | 5,892 | (5,892) |
| | **85,985** | **99,112** | **(13,127)** |

***negative figs represent decrease in expenditure***

Draft

## Gzira Local Council
## Statement of Affairs at 31 March 2009

| | Notes | 2008 - 2009 | 2007 - 2008 |
|---|---|---|---|
| | | **Actual** | **Actual** |
| | | **€** | **€** |
| **Fixed Assets** | | | |
| Tangible Assets | | 457,161 | 472,916 |
| **Current Assets** | | | |
| Stocks | | 47 | 47 |
| Debtors | | 53,044 | 32,752 |
| Bank Balances and Cash | | 169,737 | 149,916 |
| | | **222,828** | **182,715** |
| **Total Assets** | | **679,989** | **655,631** |
| **Liabilities:** | | | |
| Current | | | |
| Trade & Other payables | | (16,091) | (34,381) |
| **Long Term Liabilities** | | | |
| **Loans** | | (59,255) | (59,255) |
| **Total Liabilities** | | **(75,346)** | **(93,636)** |
| **Net Assets** | | **604,643** | **561,995** |
| **Capital And Funds** | | | |
| **b/f** | | 561,995 | |
| Surplus | | 42,648 | 561,995 |
| | | **604,643** | **561,995** |

Draft

**GZIRA LOCAL COUNCIL**
**DEPRECIATION PROVISION - LM**
**YEAR ENDED 31 MARCH 2009**

| ACCT | 7001 | 7100 | 7210 | 7230 | 7240 | 7245 | 7310 | 7315 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | PROPERTY | CONSTRUCT | FURNITURE & FITTINGS | NEW STREET SIGNS | URBAN IMPROVEMENTS | TREES | OFFICE EQUIPMENT | COMPUTER | TOTAL |
| | € | € | € | € | € | € | € | € | € |
| **COST** | | | | | | | | | |
| 1-Apr-08 | 179,000.70 | 465,155.00 | 41,666.53 | 1,008.57 | 67,243.61 | 27,928.37 | 12,420.36 | 18,194.11 | 812,617.24 |
| Additions | - | 15,718.00 | | - | | - | | | 15,718.00 |
| Disposal | | - | - | - | - | - | - | - | - |
| 31-Mar-09 | 179,000.70 | 480,873.00 | 41,666.53 | 1,008.57 | 67,243.61 | 27,928.37 | 12,420.36 | 18,194.11 | 828,335.24 |
| **Rates** | **1%** | **10%** | **7.5%** | **100%** | **10%** | **0%** | **20%** | **25%** | |
| **Grants** | | | | | | | | | |
| 1-Apr-08 | | 104,001.86 | | | | | | | 104,001.86 |
| For year | | | | | | | | | - |
| 31-Mar-09 | | 104,001.86 | | | | | | | 104,001.86 |
| **DEPRECIATION** | | | | | | | | | |
| **ACCT** | **8030** | **8031** | **8032** | **8034** | **8035** | | **8036** | **8033** | |
| 1-Apr-08 | 13,860.19 | 136,069.10 | 19,436.39 | 1,008.57 | 39,068.84 | - | 9,513.00 | 15,486.00 | 234,442.08 |
| Charge for the year | 1,651.41 | 24,080.19 | 1,667.26 | - | 2,817.48 | - | 581.47 | 677.03 | 31,474.83 |
| Released on disposal | | - | - | - | - | - | - | - | - |
| 31-Mar-09 | 15,511.59 | 160,149.29 | 21,103.65 | 1,008.57 | 41,886.31 | 0.00 | 10,094.47 | 16,163.03 | 265,916.92 |
| **WDV** | | | | | | | | | |
| 31-Mar-08 | 165,140.51 | 225,084.04 | 22,230.14 | 0.00 | 28,174.77 | 27,928.37 | 2,907.36 | 2,708.11 | 474,173.29 |
| 31-Mar-09 | 163,489.10 | 216,721.85 | 20,562.88 | 0.00 | 25,357.29 | 27,928.37 | 2,325.89 | 2,031.08 | **458,416.46** |

Draft

Gżira Local Council

**Ref No: K316/119/09**

**29 October 2009 KLG5/35**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1422 | Alfred Portelli C/Manager July – Aug September 2009 | 745.42 | 6257 |
| 1423 | Dott. Ed. Woods Legal Advisor July – Aug – Sept. 2009 | 494.76 | 6258 |
| 1424 | Grezzju Azzopardi – fjuri Sptar Mater Dei – Marion | 20.00 | 6259 |
| 1425 | A.K.L. Laqgħa għall-Kunsillieri-Doleman Hotel Bugibba 05.08.09 | 160.00 | 6171 |
| 1426 | Uniking International invoice B1209 Supply & Fix Rubber Speed moderator | 514.09 | 6281 |
| 1427 | David Grasso Summer Nights 19/08 and 26/08 | 186.00 | 6260 |
| 1428 | Polidano Bros on a/c embellishment Ġnien apprvd 29/09/09 Klg5/35 | 32,967.99 | 6217 |
| 1429 | The Toolbox inv.9039-9067-9054 9089 | 149.59 | 6282 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1430** | **Makaw Ironmongery inv.16884/16899 16891/16626** | **918.94** | **6283** |
| **1431** | **Uniking Int. inv.B1309 Speed Moderator Triq il-Flotta – Triq Madonna tal-Ġebla** | **747.76** | **6284** |
| **1432** | **S.Rausi Trading Ltd inv.21064725 Drinking Water** | **51.95** | **6285** |
| **1433** | **Joe Borg inv. 06 Duck Food Oct.2009 October 2009** | **46.59** | **6286** |
| **1434** | **Mr. Em. Mifsud inv.2397700 Door to Door Collection Oct. 2009** | **5590.50** | **6287** |
| **1435** | **Mr. Em. Mifsud inv.01 Hire of Skips October 2009** | **432.87** | **6288** |
| **1436** | **Mr. Em. Mifsud inv.02 Public Convenience October 2009** | **836.06** | **6289** |
| **1437** | **Mr. Em. Mifsud inv.03 Bulky Service September 09 – 156 Calls** | **853.95** | **6290** |
| **1438** | **Nathalie Camilleri – Librarian Service July and August 2009** | **240.37** | **6291** |
| **1439** | **Squire Bookshop inv. 294 Newspapers September 2009** | **35.20** | **6292** |
| **1440** | **GO plc inv.22459331 tel No: 21334254 21341034 Calls Aug Rent Sept. 2009** | **53.99** | **6220** |
| **1441** | **GO plc inv.22460093 tel 21322157 Calls Aug rent Sept. 2009** | **140.21** | **6218** |
| **1442** | **GO plc inv.22459341 tel: 341616 Calls Aug. 09 Rent Sept. 09** | **22.17** | **6219** |
| **1443** | **D.O.I. advert re: Expression of Interest Crafts- Gov. Gazz. 06.10.09** | **9.32** | **6224** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1444** | **ITS Ltd inv.SIN091179 Support & telephone/e-mail 01.01.2010 - 31.12.2010** | **177.00** | **6293** |
| **1445** | **Env. Landscapes Con. Inv.005542 Soft Areas Sept. 2009** | **2212.92** | **6294** |
| **1446** | **J.F.Mallia inv.260 Job No: 82-84-86 maint. Bozoz** | **134.83** | **6295** |
| **1447** | **J.F. Mallia inv.250 single bollards various streets** | **80.00** | **6296** |
| **1448** | **J.F. Mallia inv. 256 floodlight Zebra Cross Upper St. Albert** | **303.01** | **6297** |
| **1449** | **Media Link Advert Expression of Int. Crafts** | **68.44** | **6320** |
| **1450** | **D'Aniens Dev. Ltd rent Activities Cent. 01.11.09 – 31.10.2010 less invoice 1496 aluminium cabinet għall-meters tad-dawl (€9358.60 less €508.50)** | **8850.10** | **6298** |
| **1451** | **C.S.D. Office Trade inv. 27815 A-4 paper & Stationery** | **102.24** | **6299** |
| **1452** | **Guard & Warden inv.SS4122 Extra Ser. 31.08.09 Reggie Miller k/ma' Triq Luqa Briffa** | **15.84** | **6319** |
| **1453** | **GO plc inv.22624532 tel: 334254/ 341034 Calls Sept. rent Oct. 2009** | **65.26** | **6261** |
| **1454** | **GO plc inv.22625292 tel: 322157 Calls Sept. 09 Rent Oct. 2009** | **170.70** | **6262** |
| **1455** | **GO plc inv.22624542 tel: 341616 Calls Sept. 09 rent Oct. 2009** | **25.99** | **6263** |
| **1456** | **G4S Security Serv. Inv.032665 C.I.T. Sept.09 – 4 Trips** | **30.44** | **6300** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1457 | Mita inv.SIN022193 Maint & Support connec. Period Oct./Dec. 2009 | 477.58 | 6301 |
| 1458 | Steve R. Farrugia inv.115 Sunday Street Sweeping Sept. 2009 | 378.52 | 6302 |
| 1459 | Steve R. Farrugia inv. 119 street Sweep grass cutting Sept. 2009 | 4588.85 | 6303 |
| 1460 | Allied Newspapers inv.AS1358176/ advert expression of int. crafts | 86.14 | 6304 |
| 1461 | Longbow Ltd inv. 76917 – 2 packs litter bags re Strand | 75.52 | 6305 |
| 1462 | S.Rausi Trading inv.21065306 Drinking Water | 38.96 | 6306 |
| 1463 | R.F. Centre invoice 0801 – 66 balls of Wool – Act. Centre | 155.00 | 6264 |
| 1464 | Classic Cleaning – Chit No: 001151 cleaning of boardroom carpet | 40.00 | 6274 |
| 1465 | Greenlines inv. 17272 Hire & Cleaning of 2 mobile toilets @ 3.50 each Sept.09 | 247.80 | 6307 |
| 1466 | Alfa Co. Ltd inv. 56438 rentals + copies 13.08.09 – 12.09.09 | 116.35 | 6308 |
| 1467 | Stardelta inv. 4941-214 | 111.17 | 6309 |
| 1468 | Sandra Galea – Crafts Sessions apprvd 26/03/09 – Klg5/28 | 1165.00 | 6277 |
| 1469 | Best Wishes inv. 2397 716-Stationery | 98.43 | 6310 |
| 1470 | Nathalie Camilleri – Librarian Services September/October 2009 | 251.55 | 6311 |
| 1471 | General Ecological Serv. Co. Ltd. inv. 0214 Cleaning of Culverts. | 2146.28 | 6312 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1472** | **Sound Vision Print inv.12544 Advert Expression of Interest Crafts.** | **88.03** | **6313** |
| **1473** | **M.I.B. Insurance Invoice No: 00092081 Re: Tools/Equipment Garden Shed.** | **20.12.** | **6314** |
| **1474** | **Polidano Bros. Ltd. on a/c Embell. gnien apprvd 4/8/09 klg5/32** | **39,735.44** | **6104** |